# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' April 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Numru:- 28/21 JVC**

**Marouska Azzopardi (KI numru 467779M)**

**vs**

**Avukati tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kontenenti lment kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti Marouska Azzopardi ipremettiet u talbet kif isegwi:

**‘Fatti tal-Kaz**

Illi l-esponenti kienet giet akkuzata talli fit-22 ta’ Ottubru 2004 u matul l-ahhar erba’ gimghat qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita`

moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali talGvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall- uzu esklussiv taghha;

c) Bhala persuna li m'hijiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti mill-konfini tal-Habs oggett (droga) ikun li jkun, li huwa projbit skond xi regolamenti maghmula skond l-Att dwar il-Habs u dan bi ksur talArtikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 15 ta' Mejju 2015, l-esponenti giet hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u giet ikkundannatha ghal piena ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva u multa ta' sitt mitt Euro (€600).

Illi l-esponenti appellat minn din is-sentenza u waqt il-mori tal-appell gew imqanqla aggravji godda u cioe':

1. in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti fit-22 ta' Ottubru 2004.

2. in-nuqqas ta' valur probatorju tal-i*strip search* li saret fuq l-appellanti billi din ma saritx in konformita' mal-ligi u dan fid-dawl ta' dak deciz fl-appell "Il-Pulizija vs Claire Farrugia" deciz fl-20 ta' Novembru 2018 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta.

Illi permezz ta' sentenza parzjali moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 3 ta' Lulju tas-sena 2020, il-Qorti cahdet l-ewwel aggravju kontenut fir-rikors tal-appell u l-aggravju marbut mal-legalita' o meno tal-istrip search li sar fuq il-persuna taghha, izda laqghet l-aggravju marbut mal-istqarrija rilaxxjata minnha lura fis-sena 2004 u ordnat illi l-istess stqarrija tigi sfilzata.

**Illi l-esponenti qieghed iressaq din il-kawza kostituzzjonali a bazi tas-segwenti lanjanza:**

**A. <u>L-illegalita' tal-istrip search illi saret fuq l-esponenti</u>**

Illi permezz ta' sentenza parzjali moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 3 ta' Lulju tas-sena 2020, il-Qorti cahdet l-ewwel aggravju kontenut fir-rikors tal-appell u l-aggravju marbut mal-legalita' o meno tal-istrip search fejn il-Qorti sahqet illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-esponenti ma hemm xejn illegali fl-i**strip search** li saritilha. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali mhux biss jidher illi kien hemm ordni valida sabiex din issehh, gjaldarba din qatt ma giet ikkontestata u jixhdu dwarha l-ufficjali kollha tal- Habs, izda jidher illi din l-ordni harget wara li kien hemm suspett ragjonevoli li l-appellanti kienet ser iddahhal id-droga gewwa il-Facilita', suspett li *del resto* kien wiehed ben fondat.

Illi jigi rilevat illi l-esponenti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti u tikkontendi illi t-tfittxija ossia l-istrip search li saritilha hekk kif hija dahhlet ghaz-zjara gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kienet wahda illegali u irregolari u dan minhabba diversi ragunijiet.

Illi fl-ewwel lok irrizulta mill-provi prodotti illi l-prassi gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin hija illi l-Ufficjali tal-Habs jinfurmaw lill-vizitatur li ser issirlu strip search u kemm il-darba dan jirrifjuta, allura jintalab jitlaq. Jirrizulta wkoll illi l-vizitatur ma jigix infurmat illi jista' jirrifjuta din l-istrip search. Kien proprju dan li gara fil-kaz odjern ossia illi l-esponenti giet infurmatha li kienet ser issirilha strip search, ma kienx hemm rifjut da parti taghha u ghalhekk din it-tfittxija saret, bir-rizultat illi meta gie innutat oggett suspettuz fil-parti taghha, din imbaghad ma thallietx titlaq. L-esponenti tikkontendi illi l-fatt illi l-appellanta ma gietx avzata illi hija setghet tirrifjuta din it-tfittxija, irrenda dak kollu li sar illegali u rregolari.

Illi r-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jghid hekk:

*"(1) Kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier ghandha tikxef l-identita` taghha lill-ufficjal tal-habs responsabbli.*
*(2) Id-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier. Dik it-tfittxija ghandha ssir minn ufficjal tal-habs ta' l-istess sess bhall-vizitatur u ghandha tigi dokumentata fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).*
*(3) Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identita` taghha jew li toqghod ghal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) ghandha tigi michuda permess biex taghmel iz-zjara.*

*(4) Il-kazijiet kollha li fihom zjara tigi michuda taht is-subregolament ta' qabel dan ghandhom jigu dokumentati fir-registru msemmi fir-regolament 52(9)."*

Dan ifisser illi skont dawn ir-Regolamenti, id-Direttur tal-Habs jista' jordna tfittxija fuq vizitatur ossia persuna li tmur gewwa l-habs sabiex izzur prigunier u jipprovdi illi kemm il-darba dak il-vizitatur jirrifjuta li joqghod ghal tali ordni ta' tfittxija, huwa ghandu jigi mcahhad milli jaghmel dik iz-zjara. Huwa minnu illi r-Regolament ma jghidx jew jezigi illi l-ufficjali tal-habs ghandhom javzaw lill-vizitatur li huwa jista' jirrifjuta li joqghod ghal tfittxija li tigi ordnata mid-Direttur tal-Habs izda propju dan in-nuqqas irendi kull tfittxija illegali stante' illi persuna ghandha tigi infurmata bid-drittijiet taghha. Illi huwa inutli illi l-ligi taghti d-drittijiet legali lill-persuna liema drittijiet ma jigux mgharrfa lill-persuna kkoncernata. Illi bhalma per ezempju persuna illi jekk titwaqqaf mill-Pulizija wara suspett ragjonevoli illi kienet qed issuq taht l-influwenza tax-xorb u l-Pulizija jkunu jridu jaghmlu t-test tan-nifs fuq il-persuna, ghandhom l-obbligu legali illi jinfurmaw lill-persuna kkoncernata illi huwa jista' jirrifjuta tali test tan-nifs, l-istess fil-kaz odjern, id-Direttur ghandu u kellu l-obbligu illi jinforma lill-vizitatur illi jista' jirrifjuta illi jissoggetta ruhu ghal strip search u johrog mill-habs haga li ma saritx fil-kaz odjern.

Illi billi l-kliem inniffsu tar-regolament li ma jezigix tali avviz lill-vizitatur, ma jfissirx illi wiehed mghandux jinforma lill-vizitatur apparti illi tali nuqqas ghandu jimmilita favur l-appellanta fis-sens in-nuqqas f'ligi partikolari ma jirrendix tali ligi valida u regola izda anzi jrendiha illegali u leziva ghad-drittijiet tal-appellanta. Huwa minnu illi meta vizitatur jidhol gewwa l-Facilita` Korrettiva

ta' Kordin sabiex izur prigunier, dan ghandu jistenna li jissoggetta ruhu ghar-regoli ta' dik il-Facilita`, b'mod partikolari regoli li jassiguraw is-sigurta` tal-post u tal-abitanti tieghu izda ghandu jigi informat ukoll bl-obbligi u d-drittijiet tieghu. Illi mhuwiex minnu illi l-appellanta riedet tirrifjuta li tassoggetta ruhha ghal dawk ir-regoli izda anzi kieku kienet giet informata b'tali drittijiet kif johorgu mill-istess Regolament kienet tuzufruwixxi minn tali drittijiet. Ghalhekk, fl-umli fehma tal-appellanta kuntrarjament ghal dak konkluz mill-Ewwel Onorabbli Qorti, kien hemm irregolarita' lampanti fil-mod li bih l-appellanta giet assoggettata ghall-strip search li saret lilha.

Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi l-istrip search li saret fuq l-appellanta ma saritx skont il-ligi ghaliex ma kinitx awtorizzata mid-Direttur tal-Habs. Illi jigi rilevat illi lanqas biss ma gie ppruvat min fil-fatt tal-ordni sabiex issir din l-*istrip search* fuq l-esponenti u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat li tali ordni saret minn persuna kompetenti skont il-Ligi u fl-inkartament kriminali kollu m'hemm l-ebda prova illi dakinhar id-Direttur tal-Habs kien ta' l-ordni in kwistjoni.

Illi fil-fatt, ir-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jaghti l-awtorita` lid-Direttur li jordna tfittxijiet fuq vizitaturi fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ir-Regolament 2, imbaghad, ifisser il-kelma 'Direttur' bhala:

*"id-Direttur tal-Habs u tinkludi, sal-limitu ta' l-awtorita` moghtija, kull ufficjal pubbliku iehor awtorizzat ghal hekk mill-imsemmi Direttur bl-approvazzjoni tal-Ministru ghal dak il-perijodu ta' zmien li l-Ministru jiddeciedi".*

F'dan il-kaz, jirrizulta mill-provi prodotti illi kienu WC01 Karen Grech u WCO28 Teres Agius li ghamlu l-istrip search fuq il-persuna tal-esponenti, u qabel tali strip search l-esponenti ma inghatatx u ma gietx infurmata bid-drittijiet taghha.

Illi mhux talli ghal kwalunkwe tfittixija fuq persuna gewwa l-bini tal-Facilita' trid tinghata l-awtorizazzjoni tad-Direttur tal-Habs, talli il-Kodici Kriminali tmur pass oltre' minn dawn ir-regolamenti u tiddetta illi kwalunkwe' tfittxija **intima** trid issir bl-awtorizazzjoni tal-Magistrat. *Di piu'*, artikolu 355AP tal-KAP 9 jiddetta:

*Meta l-uffiċjal li jagħmel l-arrest jew l-uffiċjal tal-kustodja jkollu suspett raġonevoli li l-persuna arrestata setgħet ħbiet fuq il-persuna tagħha xi droga li l-pussess illegali tagħha jikkostitwixxi reat kriminali jew xi oġġett ieħor li uffiċjal tal-kustodja huwa awtorizzat b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra li jaqbad mill-pussess ta' persuna arrestata, dak l-uffiċjal jista' jitlob lil Maġistrat biex jordna perkwiżizzjoni intima tal-persuna arrestata;*

F'dan ir-rigward jigi innutat illi l-Ligi Sussidjarja lanqas biss ma hi konformi mal-Kodici Kriminali, stante' illi kif jidher mill-artikolu tal-Ligi, appena citat, tfittxija intima fuq persuna suspettata ghandha tirrikjedi l-awtorizazzjoni tal-Magistrat, u ghalhekk dan l-artikolu wahdu juri kemm tfittxija intima hija azzjoni u decizjoni li trid tittiehed b'certa sensittivita' u prekawzzjoni, ghall-kuntrarju ta' dak li sehh fil-kaz odjern.

Illi dawn in-nuqqasijiet kollha li saru matul l-istrip search li saret fuq l-esponenti, huma kollha nuqqasijiet li ppregudikaw id-

drittijiet fundamentali tal-istess esponenti, u dan peress illi mhux talli l-istess *strip search* ma saritx skont il-Ligi, talli l-Ufficcjali li wetquha la infurmawha bid-drittijiet taghha u wisq lanqas ma waqfu meta l-esponenti uriethom bic-car li kien qieghda tibza', u riedet titlaq 'l barra!

Fil-fatt, il-Qorti Ewropea wkoll pronuncjat ruhha dwar l-*istrip searches,* fejn tenniet illi huwa veru li din it-tip ta' tfittxija tista' titqies bhala wahda umiljanti, pero' kultant hemm bzonn li ssir sabiex jipprevjenu milli jkun hawn dizordni u reati kriminali; pero' l-Qorti tenniet ukoll l-umiljazzjoni li ggib maghha din it-tip ta' tfittxija ma tistax tkun aggravata minn min qieghed imexxiha. Fil-kawza **<u>Frerot v. France,</u>** il-Qorti Ewropea tenniet:

*The Court accepted that a prisoner obliged to submit to a body search might view the procedure as an excessively intimate infringement of his dignity, especially when it required him to undress in front of another person and even more when he was instructed to place himself in embarrassing positions. However, body searches, including full body searches, might sometimes be necessary to maintain security inside a prison, to prevent disorder or prevent criminal offences.*

[…]

*That feeling of arbitrariness, the feelings of inferiority and anxiety often associated with it, and the feeling of a serious encroachment on one's dignity undoubtedly prompted by the obligation to undress in front of another person and submit to a visual inspection of the anus, added to the other excessively intimate measures associated with strip searches, led in the Court's view to a degree of humiliation which exceeded that which was inevitably a concomitant of the imposition of body searches on*

*prisoners.* ***Moreover, the humiliation felt by the applicant had been aggravated by the fact that on a number of occasions his refusal to comply with these measures had resulted in his being taken to a disciplinary cell.***

**Illi inoltre f'dan il-kuntest issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Claire Farrugia datata 20 ta' Novembru tas-sena 2018 fejn fuq punt identiku l-Qorti sahqet illi:**

*Ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja ma jiprovdiex li visitatur li tkun ser isirilhom strip search ghandhom jigu nfurmati bid-dritt taghhom li jirrifjutaw. Dak li jipprovdi dan ir-regolamt hu li f'kaz li jirrifjutaw, ghandhom jigu michuda permess biex taghmel iz-zjara.*

*Illi minkejja li l-appellanta kienet fi zmien priguniera u allura setghet kienet taf li vizitaturi jistghu jigu soggettati ghal tfitxxija intima ossia strip search, il-fatt li hija ma gietx infurmata dwar id-dritt taghha li tirrifjuta li ssir l-istrip search u li f'kaz li rrifjutat kienet tigi michuda d-dritt li taghmel il-vista ifisser li li ma setghetx tuza dak id-dritt. Persuna ma tistax tgawdi dritt sakemm ma tkunx infurmata dwar dak id- dritt. Ghalhekk fil-kaz odjern, ghalkemm ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja jiprovdi li f'kaz li visitatur jirrifjuta li ssir tfittxija fuqu, ma jithalliex jaghmel il-vista u kif xehdu uhud mix-xhieda jaf ikun hemm perjodu fejn dan il- vizitatur li jkun irrifjuta ma jithalliex jaghmel visti, il-fatt li persuna ma tigix infurmata dwar dan id-dritt huwa minnu nnifsu leziv. Ghaldaqastant, kif hawn ikkunsidrat jirrizulta li minkejja li l-appellanta ma rrifjutatx li ssir it-tfixxija, hija ma gietx infurmata li setghet tirrifjuta u ma ssirx il-vista, ghalhekk tali tfittxiha kienet wahda leziva ghad-drittijiet tal-appellanta.*

Ghaldaqstant, ghalkemm ir-regolamenti tal-habs diga' lanqas ma huma konformi mal-Kodici Kriminali, u l-Gwardjani tal-habs naqsu milli jsegwu ebda wahda minnhom, it-tfittxija kif saret fuq il-persuna tal-esponenti la kienet konformi mal-legislazzjoni Maltija u lanqas mad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u ghalhekk l-imsemmija tfittxija kellha tkun dikjarata wahda illegali b'dan illi ma jigix sodisfatt ir-rekwizit kostituzzjonali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi jigi rilevat illi l-Qorti hija moghtija s-setgha li, f`kaz ta` ilment dwar ksur tad-dritt fondamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta` kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda din is-setgha wiesgha hija limitata fis- sens li l-Qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali m`ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta` jedd ta` smigh xieraq ikkommettewx zball ta` ligi jew ta` fatt fid-decizjonijiet taghhom. Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta` nuqqas ta` smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u "skond il-ligi".

Illi l-esponent jirreferi wkoll ghad-decizjoni li tat il-Qorti Kostitruzzjonali fit- 28 ta` Gunju 2012 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Avukat Generali, deciza fir-28 ta` Gunju 2012 fejn inghad :-

*"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta` Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f`pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "fourth instance" doctrine, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema*

*tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

*1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.*
*2. The Court`s task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.*
*3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.*
*4. And a finding by the Court that an applicant`s trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.*
*5. The Court calls this principle the `fourth instance` doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.*

Illi dawn il-lanjanzi jaqghu taht dik li l-gurisprudenza rriferiet ghalihom bhala **mankanzi partikolari tul il-proceduri kriminali illi wasslu ghal nuqqas ta' smiegh xieraq fil-process tal-proceduri kriminali illi qeghdin isiru fil-konfront tal-esponent.**

**Illi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "St. Paul's Court Limited vs L-Onor. Prim Ministru et noe" (Rik. Kost. Nru :552/96VDG - deciza fis-16 ta' Settembru 1998) fejn inghad li:**

*"kif tajjeb josservaw l-awturi Harris,O'Boyle u Warbrick :-*
*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an openended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in*

*Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole." (pg. 202). (Vide ukoll "Khallouf Fatiha vs Kummissarju Tal-Pulizija" - Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) deciza fit-28 ta' Dicembru 2001)."*

**Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza "Kostovski vs The Netherlands" (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-**

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi, minkejja dan, jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistghux jigu definiti a priori u specifikatament, stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement." ("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal" (1997) Dr. Roberta Gauci LL.D).*

**Illi inoltre fil-ktieb "Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial" ta' Andrew Grotrian jinghad illi:-**

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri firrigward tal-kaz partikolari fit-totalita` taghhom (ara, fost decizzjonijiet ohra, "Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru et."(Qorti Kostituzzjonali - 18 ta' Awwissu, 1998.)

**Illi in effetti l-imsemmi awtur jelenka l-principji illi jinkorpora fih l-imsemmi artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dawn jikkonsistu inter alia f':-**

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the Neumaister case (27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:"*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent." ("Dombo Beheer BV vs The Netherlands", 27 ta' Ottubru 1993)*

**Illi l-awturi Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw hekk:-**

*"The Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ." (pp. 428-429).*

**Illi fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq". L-istess konsiderazzjonijiet maghmula japplikaw ghad-disposizzjojnijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet issir riferenza wkoll ghas-sentenza "Peter Montebello vs l-Avukat Generali et" (Q.K. (SC) (JAF) (GV) – 31 ta' Jannar 2011 fejn inghad li f'ezami ta' dawk il-komponenti li jistghu jwasslu ghall-ksur tad-dritt ta' smigh xieraq skond il-ligi, kull kaz ivarja minn iehor imma f'kull kaz il-Qorti trid tassigura li l-proceduri jkunu kondotti b'mod li lkontendenti oggettivament huma mistennija li jhossu li jkunu inghataw x'jifhmu li l-kawza ser tigi trattata u deciza fuq dak li gie dibattut, u l-mod kif dan isir ma ghandux jimmina drittijiet kollha ta' xi wahda mill-partijiet li ligi stess tipprovdi.

Illi ghalhekk tenut kont tan-natura teknika ta' dawn l-ilmenti u tenut kont illi tali ilmenti impingew direttament fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatti maghmula mill-Qrati fil-kors tal-proceduri kriminali fil-konfront tal-esponent, l-esponent jirrileva illi ghalhekk kien hemm ksur ta' smiegh xieraq fil-proceduri kriminali mehudha fil-konfront taghha.

Ghaldaqstant l-esponent titlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi gew lezi jew se jigu lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.'.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

'Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat ksur tal-jedd ghal-smigh xieraq tar-rikorrenti wara li l-istess rikorrenti fit-22 ta` Ottubru 2004 inqabdet *in flagrante* tipprova iddahhal id-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta` Kordin meta fil-jum in kwistjoni marret biex izur prigunier certu Jason Zammit. Illi jidher li dak li r-rikorrenti qieghdha tilmenta minnu f`din il-kawza huwa l-fatt li l-ufficjali tal-habs talbuha toqghod ghal-*strip search* liema *strip search* jirrizulta li kien determinanti sabiex ir-rikorrenti inqabdet iddahhal d-droga eroina gewwa l-habs billi hbiet is-sustanza illecita fil-parti intimata taghha.

Illi din l-lanjanza hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet li ser jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal-xulxin.

Illi jigi eccepit li l-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali li gew invokati mir-rikorrenti ma japplikawx ghal-kaz in kwistjoni. Il-lanjanza li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti m`ghandha x`taqsam xejn mal-jedd ghal-smigh xieraq kif kontemplat fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

Illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smiegh xieraq, is-smiegh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi.  L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre` meta jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-ligi. Is-smigħ xieraq jiddependi mill-iter proċesswali adoperat fil-kuntest ta' persuna li tkun għaddejja minn proċeduri kriminali.

Fil-kaz odjern meta r-rikorrenti intalbet toqghod ghal-*istrip search* dak il-hin ma kien  hemm l-ebda proceduri li ittiehdu fil-konfront tar-rikorrent u wisq inqas kien hemm xi forma ta` smigh li jrid jigi ezaminat fit-totalita` tieghu. Kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta` dan il-kaz, meta persuna tkun trid taghmel vizta gewwa l-habs trid necessarjament tobdi id-direttivi tal-ufficjali tal-habs inkluz *striq search* jekk ikun il-kaz. F`dan il-kaz ir-rikorrenti sarilha *strip search* minn zewg ufficjali nisa skond ir-regolamenti interni u imnalla kien ghal-i*strip search* ghax kieku r-rikorrenti kienet tidhol il-habs u tforni id-droga lil Jason Zammit, is-sieheb taghha.

Bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali Ii jokkorru imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kinux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qaghda l-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita tal-kazijiet, jidhol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt Ii tinstema' (audi alterem partem) u/jew Ii tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni.

Ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-kawza odjerna intavolata mir-rikorrent ma taqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq.

Illi kwalunkwe allegazzjoni *da parte* tar-rikorrent fis-sens li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha ai termini tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma manifestament insostenibbli, senjatament tenut kont tal-fatt li l-Pulizija agixxew fuq dak li sabu l-ufficjali tal-habs meta saret din l-*istrip search*. Ovvjament kien ikun ferm ahjar ghar-rikorrenti li kieku ma sar l-ebda *strip search* u b`hekk setghet iddahhal id-droga eroina fil-habs u tghaddiha lil Jason Zammit pero` l-kaz tar-rikorrenti huwa ezempju klassiku ta` kemm fil-fatt huwa importanti li jsiru dawn it-tfittxijiet fuq il-persuni meta huwa fatt maghruf kemm fiz-zmien relevanti ghal dan il-kaz, id-droga kienet tigi ittraffikata b`certa facilita gewwa l-habs.

Tajjeb li jigi enfasizzat ukoll li fil-kaz odjern kien hemm suspett ragjonevoli li r-rikorrenti kienet ser iddahhal d-droga gewwa l-habs u l-ufficjali inkarigati kienu avzati proprju dwar dan. Wara li saret it-tfittxija fuq irr-rikorrenti d-droga eroina instabet. Dan ifisser li s-suspett tal-ufficjali tal-habs u tal-pulizija kien wiehed fondat ghaliex fl-ahhar mill-ahhar d-droga fuq il-persuna taghha verament instabet.

Illi r-rikorrenti tghid li sar appell dwar din il-kwistjoni tal-istrip search quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema Qorti ippronunzjat ruhha b`sentenza in parte datata 3 ta` Lulju 2020. Proprju ghalhekk peress li l-Qrati Kriminali esprimew ruhhom dwar din il-kwsitpojin tal-istrip search, ir-rikorrenti ma tistghax tuza dawn il-proceduri kostituzzjonali bhala forma ta` appell mid-

decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali.  Jekk il-Qrati penali skartaw id-difiza tar-rikorrent dan ma sarx b`mod kappriccjuz izda ghaliex qiesu li kien hemm provi sal grad rikjest mil-ligi sabiex isibu htija fir-rikorrent.

Illi kif ser jigi spjegat f`aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza, ir-rikorrent ma garrab l-ebda lezjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq stante li dak li stqarr huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghi.'.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat illi fil-verbal datat 16 ta' Dicembru 2021 li permezz tieghu dan r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikors odjern jikkonsisti f'ilment t'indoli kostituzzjonali kontenenti allegat ksur ta' drittijiet fundamentali fejn ir-rikorrenti ssostni li 'strip search' li sar fuqha gewwa l-Habs ta' Kordin meta hija marret sabiex izzur prigunier sar b'tali mod li gie miksur id-dritt ghal smigh xieraq taghha taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Partikolarment ir-rikorrenti tilmenta li hija ma gietx

infurmata li kellha d-dritt li tirrifjuta din l-'strip search' u li taghzel li titlaq flok tinsisti li taghmel iz-zjara. Jirrizulta li waqt din is-'search' instabet xi droga mohbija fil-parti intima taghha u rizultat ta' hekk ittiehdu procedurali fil-konfront taghha u giet kundannata seba' xhur habs u multa. Ir-rikorrenti tipremetti wkoll li hija ntavolat appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar dan il-punt izda dan l-ilment partikolari gie michud b'sentenza preliminari. Il-proceduri issa jinsabu fi stadju ta' appell mid-decizjoni u qed jistennew l-ezitu tar-rikors odjern.

Da parti tieghu l-intimat Avukat tal-Istat jirrispondi li dak li qed issostni r-rikorrenti ma jaqax fl-ambitu tad-dritt ghal smigh xieraq ghar-raguni li fil-mument li saret l-'istrip search' ir-rikorrenti ma kinitx qed tigi assoggettata ghal proceduri quddiem Qorti jew Tribunal kif jirrikedju l-artikoli in kwistjoni. Isostni wkoll li fil-kaz tar-rikorrenti kien hemm gia suspett ragjonevoli li hija setghet kienet qed iggorr xi droga u fil-fatt dan is-suspett gie konfermat meta fil-fatt instabet id-droga fuqhha. Finalment jinsisti li r-rikorrenti qed tuza dawn il-proceduri bhala appell tat-tielet istanza meta dan mhux permissibbli mil-ligi. Jitlob ghalhekk sabiex il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Provi:</u>**

Il-Qorti rat in-nota tar-rikorrenti a fol. 21 tal-process li permezz taghha esebit fl-atti odjerni l-atti tal-proceduri kriminali relattivi ghal dan ir-rikors.

Rat ix-xiehda ta' WCO 28 Teres Agius a fol. 22 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li nhar it-22 ta' Ottubru, 2004 kienet hija l-persuna li giet ordnata sabiex taghmel l-'istrip search' fuq ir-

rikorrenti u tispjega kif waqt din is-'search' hija nnotat plastic fil-parti t'isfel tal-gisem u x'hin ordnat ir-rikorrenti tiftah saqajha din waqghet u rrizulta li kienet droga. Rat ukoll l-atti tal-process verbal esebiti u nkluz l-istqarrija a fol. 151 et seq tal-process.

Rat id-decizjoni tal-Onorevoli Mhallef Consuelo Scerri Herrera fis-sede tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Claire Farrugia' datata 20 ta' Novembru, 2018 esebita a fol. 24 et seq tal-process, liema sentenza ssir referenza estensiva ghaliha mir-rikorrenti bhala bazi ghall-ilment taghha.

F'dak il-kaz partikolari din il-Qorti rat li minn analizi tal-provi, l-Qorti tal-Appell Kriminali rrizultala li l-imputata ma kinitx giet mistoqsija jekk xtaqietx li tissoggetta ruhha ghal 'strip search' u li jekk ma kinitx giet infurmat li jekk ma taccettax ma kinitx ser tithalla taghmel il-vista. Rat li meta din giet infurmatha li kienet ser issir 'strip search' hija qalet iva. Rat ukoll li kien biss wara li l-ufficjali nnotat l-oggett suspettuz fil-parti privata taghha li hija riedet titlaq. Rat ukoll li dwar dan il-punt dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet kif isegwi:

'Ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja ma jiprovdiex li visitatur li tkun ser isirilhom strip search ghandhom jigu nfurmati bid-dritt taghhom li jirrifjutaw. Dak li jipprovdi dan ir-regolament hu li f'kaz li jirrifjutaw, ghandhom jigu michuda permess biex taghmel iz-zjara.

Illi minkejja li l-appellanta kienet fi zmien priguniera u allura setghet kienet taf li vizitaturi jistghu jigu soggettati ghal tfittxija intima ossia strip serach, il-fatt li hija ma gietx infurmata dwar id-dritt taghha li tirrifjuta li ssir l-istrip search u li f'kaz li rrifjutat

kienet tigi michdua d-dritt li taghmel il-vista ifisser li li ma setghetx tuza dak id-dritt. Persuna ma tistax tgawdi dritt sakemm ma tkunx infurmata dwar dak id-dritt. Ghalhekk fil-kaz odjern, ghalkemm ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidkjarja jiprovdi li f'kaz li visitatur jirrifjuta li ssir tfittxija fuqu, ma jithalliex jaghmel il-vista u kif xehdu uhud mix-xhieda jaf ikun hemm perjodu fejn dan il-vizitatur li jkun irrifjuta ma jithalliex jaghmel xisti, il-fatt li persuna ma tigix infurmata dwar dan id-dritt huwa minnu nnifsu leziv. Ghaldaqstant, kif hawn ikkunsidrat jirrizulta li minkejja l-appellanta ma rrifjutatx li ssir it-tfixxija, hija ma gietx infurmata li setgghet tirrifjuta u ma ssirx il-vista, ghalhekk tali tfittxiha kienet wahda leziva ghad-drittijiet tal-appellanta.

Din il-Qorti sejra ghar-ragunijiet spjegati f'din is-sentenza tilqa' t-tieni aggravju u ghalhekk ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tikkunsdira jekk l-ufficjal li wettaq it-tfittxija kienx awtorizzat o meno biex jaghmel dan.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li darba l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa bbazat fuq ir-rizultanzi tall-istrip search li saret fejn id-droga kienet fuq il-persuna tal-appellanta, liema droga inghatata mill-apellanta f'idejn l-ufficjal tal-habs wara li saret it-tieni *strip search* u stante li kemm l-istrip search giet ikkunsidrata bhala illegali, din il-Qorti ma tistax tiehu in konjizzjoni dak li nstab konsegwenza ta' tali *strip search.'.*

Din il-Qorti rat li konsegwenza ta' dak suespost, l-Onorabbli Qorti Kriminali ghaddiet sabiex ma sabitx htija u lliberat lill-imputata f'dak il-kaz Claire Farrugia mill-akkuzi.

Rat in-nota tar-rikorrenti Marouska Azzopardi a fol. 77 tal-process li permezz taghha gew esebiti atti ohra tal-process kriminali u rat l-istess atti. Rat fost ohrajn ix-xiehda tal-Ispettur Norbert Ciappara a fol. 93 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li Marouska Azzopardi kienet ammettiet mieghu li l-eroina kien ghaddijielha Christopher Schembri qabel ma marret il-habs biex tghaddiha lil Jason Zammit.  PC 477 Julian Saliba a fol. 99 jixhed li kienu avzati qabel ma marret Marouska Azzopardi l-habs li hija setghet kienet ser tipprova ddahhal xi haga.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrat preseduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras datata 15 ta' Mejju, 2015 a fol. 190 et seq tal-process li permezz taghha r-rikorrenti giet misjuba hatja u kundannata seba' xhur prigunerija u multa ta' sitt mitt Euro (€600).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Marouska Azzopardi a fol. 202 et seq li izda ma jidhirx li kien jinkludi aggravju relatat mal-ilment odjern kif kontenut fir-rikors.  Rat izda li dan l-ilment gie diskuss fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.  Fil-fatt il-Qorti tirrileva li dawn is-sottomissjonijiet huma kwazi identici ghall-kontenut tal-ilment kostituzzjonali fir-rikors pendenti quddiem din il-Qorti.  Rat ukoll li l-aggravju in kwistjoni tqajjem ufficjalment fil-verbal tat-8 ta' Mejju, 2019 quddiem il-Qorti Kriminali.

Rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 3 ta' Lulju, 2020 a fol. 274 et seq tal-process (il-Qorti tirrileva li l-kopja esebita ghandha nieqsa diversi pagni izda ghamlet referenza ghad-decizjoni kif pubblikata on-line stante li hija pubblika).  Fil-

parti rilevanti ghall-kaz odjern dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

'Ikunsidrat:

Issa l-appellanti tqies illi l-prova maghmula permezz tal-istrip search li saret fuq il-persuna taghha qabel ma dahhlet sabiex taghmel il-vizta gewwa il-Facilita tal-prigunier Jason Zammit hija prova inammissibbli billi saret kontra l-ligi. Issa hija prassi adottata mill-gurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-ligi li tippreskludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-persuna akkuzata tkun qed tfittex li xxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju jew l-ammissibbilita` taghha.

Issa l-allegata illegalita' ta'l-istrip search, fil-fehma tal-appellanti, hija imsejsa fuq zewg nuqqasijiet, bl-ewwel wahda tkun dik li hija nieqsa l-prova li din giet ordnata mid-Direttur tal-Habs jew xi delegat tieghu u fit-tieni lok illi hija qatt ma giet imwissija li tista' taghzel tirrifjuta li tobdi dik l-ordni. Dak li qed timplika allura l-appellanti hija li din il-prova ittiehdet illegalment jew kontra l-ligi u tikkostitwixxi 'l hekk imsejjah fruit from the poisonous tree, regola li fid-dritt penali twassal ghall-eskluzjoni ta' evidenza millproceduri.

Illi mix-xhieda tal-ufficjali tal-Facilita Korettiva ta' Kordin jidher illi t-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-appellanti sehhet qabel ma giet awtorizzata taghmel vizta lil prigunier, awtorizazzjoni li trid temani mid-Direttur tal-Habs. Dan ghaliex malli vizitatur jirfes l-

ghatba tal-Facilita', u dan minn jeddu u b'mod volontarju bhala vizitatur, huwa jrid joqghod ghall-awtorita tad-Direttur tal-Habs.

Illi r-regolament 58 tal-Legislazzjoni sussidjarja 260.03 jiddisponi illi:

(1) Kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier ghandha tikxef l-identità taghha lill-ufficjal tal-habs responsabbli.
(2) Id-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier. Dik it-tfittxija ghandha ssir minn ufficjal tal-habs ta' listess sess bhall-vizitatur u ghandha tigi dokumentata fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).
(3) Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identità taghha jew li toqghod ghal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) ghandha tigi michuda permess biex taghmel iz-zjara.
(4) Il-kazijiet kollha li fihom zjara tigi michuda taht is-subregolament ta' qabel dan ghandhom jigu dokumentati fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).

Illi ma huwiex kontestat illi hekk kif l-appellanti dahhlet gewwa l-Facilita' giet ordnata li issirilha strip search. Dan il-fatt qatt ma gie kkontestat quddiem l-Ewwel Qorti kif inghad. Jidher mix-xhieda tal-ufficjali tal-Facilita' li xehdu f'dawn il-procedura illi din l-istrip search giet ordnata li ssir billi kien hemm suspett illi l-appellanti kienet ser tipprova iddahhal xi oggetti pprojbiti gewwa l-habs. Illi l-ligi taghti s-setgha lil kull vizitatur li jirrifjuta kemm li jaghti l-identita' tieghu kif jigi mitlub illi jaghmel, kif ukoll li jirrifjuta joqghod ghat-tfittxija li tigi ordnata li ssir fuq il-persuna tieghu/taghha. Il-konsegwenza ta' tali rifjut hija illi dak il-vizitatur jigi mcahhad mid-Direttur li jaghmel dik il-vizta lil prigunier kif mitlub. Ma hemm l-ebda konsegwenza ohra ta'

natura penali jew inkriminatorja. Dan ifisser illi l-istrip search li saret ma saritx b'xi mezzi kontra il-ligi, ghaliex il-ligi stess taghti s-setgha lid-Direttur tal-Habs illi jaghmel l-ispezzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega. Illi di piu' l-ligi lanqas ma tipprovdi dwar xi twissija li ghandha tinghata lil vizitatur qabel ma ssirlu din it-tfittxija u, allura, jekk il-vizitatur ikun jixtieq izur lil prigunier huwa jrid joqghod ghall-ordni lilu moghtija jew jigi mcahhad lilu l-jedd li jaghmel il-vizta. Illi a contrario senso, allura, din ir-regola tfisser illi kull vizitatur qatt ma jista' jigi mgieghel mill-awtoritajiet tal-Habs la li jikxef l-identita' tieghu u lanqas li joqghod ghal xi tftittixija li tista' tigi mitluba li ssirlu.

Illi kienu diversi d-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar jekk tezistiex xi lezjoni ta' xi dritt fondamentali meta jsiru dawn it-tfittxijiet intimi, kemm fir-rigward tal-prigunier innifsu u anke fir-rigward tal-vizitatur. Illi fil-fatt abbazi ta' dawn id-decizjonijiet il-Kunsill tal-Ewropa harrget 'l hekk imsejha **European Prison Rules (2006)** (sussegwentement emendati) dwar fost ohrajn regoli li ghandhom jigu mharsa meta jsiru tfittxijiet fuq vizitaturi fejn hemm rakkomandat:

"Searching and controls
54.1 There shall be detailed procedures which staff have to follow when searching: …
<u>c. visitors and their possessions;</u>
54.2 The situations in which such searches are necessary and their nature shall be defined by national law.
54.3 Staff shall be trained to carry out these searches in such a way as to detect and prevent any attempt to … hide contraband, while

at the same time respecting the dignity of those being searched and their personal possessions.

54.4 Persons being searched shall not be humiliated by the searching process.

54.5 Persons shall only be searched by staff of the same gender. …

54.7 An intimate examination related to a search may be conducted by a medical practitioner only. …

54.9 The obligation to protect security and safety shall be balanced against the privacy of visitors.

54.10 Procedures for controlling professional visitors, such as legal representatives, social workers and medical practitioners, etc., shall be the subject of consultation with their professional bodies to ensure a balance between security and safety, and the right of confidential professional access.

Dawn ir-regoli gew moghtija din it-tifsira:

"This rule lays down that in each prison there should be a clearly understood set of procedures which describe in detail the circumstances in which searches should be carried out, the methods to be used and their frequency. These procedures must be designed to prevent escape and also to protect the dignity of prisoners and their visitors.

There should be clearly defined procedures for making sure that visitorsto prisoners do not attempt to breach reasonable security requirements,for example, by bringing into the prison articles that are not allowed. These procedures may include the right to search visitors in person while taking into consideration that visitors are not themselves prisoners andthat the obligation to protect the security of the prison has to be balancedagainst the right of

visitors to their personal privacy. The procedures for searching women and children need to be sensitive to their needs, for example, by ensuring that a sufficient proportion of staff carrying out searches is female. Personal searches should not be carried out in public view."

Illi d-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja, jitrattaw kazijiet dwar vjolazzjoni tal-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni u huma konsoni fil-fehma illi it-tfittxija intima li issir permezz ta' strip search fil-konfront ta' prigunier, suspettat jew vizitatur fiha innifisha ma hijiex kontra l-ligi basta li jkun hemm l-element ta' proporzjonalita bejn is-sigurta' lit-tfittxija qed tfittex li thares u r-rispett lejn id-dinjita` u d-dritt ghall-privatezza tal-individwu soggett ghal tali tfittxija. Dawn iridu isiru minghajr intimidazzjoni jew theddid, bit-tfittxija ssir minn mhux aktar minn zewg ufficjali tal-istess sess tal-persuna sottoposta ghat-tfittxija, u f'post privat. Imkien ma jirrizulta li ghandu jinghata xi jedd ulterjuri lil tali persuna fosthom il-jedd li tigi imwissija li hemm id-dritt ghar-rifjut fil-kaztal-vizitatur. Dan ghaliex it-tfittxija trid tkun wahda necessitata mic-cirkostanzi li jfittxu, kif inghad, biex tithares is-sigurta` tal-prigunieri u tan-nies kollha fil-habs.

Jinghad hekk fil-kaz Milka vs il-Polonja deciz fil-15 ta' Settembru 2015:

"According to the settled case law, the notion of necessity implies that theinterference corresponds to a pressing social need and, in particular, that it is proportionate to the legitimate pursued aim. The Court emphasized that whilst strip searches may be necessary on occasions to ensure prison security or to prevent disorder in prisons, they must be conducted in an appropriate manner."

Ukoll fid-decizjoni Frerot vs France, iccitata mill-appellanti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet, jinghad:

"The Court considered that on the whole the above procedure, including visual inspection of the anus "in the specific case of a search for prohibited objects or substances", was appropriate, provided that such a measure was permitted only where absolutely necessary in the light of the special circumstances and where there were serious reasons to suspect that the prisoner was hiding such an object or substance in that part of the body. The Court accordingly took the view that that body-search procedure was not, generally speaking, inhuman or degrading. "

Illi forsi l-aktar kaz li jattalja mal-fattispecje tal-kaz odjern huwa dak fl-ismijiet Wainwright & Son vs The United Kingdom li kien jikkoncerna strip search fuq omm u binha li kienu dehlin gewwa il-habs jaghmlu vizta lil prigunier li kien l-iben u hu l-vizitaturi:

"the Court considers that the searching of visitors may be considered as a legitimate preventive measure. It would emphasise nonetheless that the application of such a highly invasive and potentially debasing procedure to persons who are not convicted prisoners or under reasonable suspicion of having committed a criminal offence must be conducted with rigorous adherence to procedures and all due respect to their human dignity."

Esposti dawn il-principji gurisprudenzjali ewropej, u applikati ghal kaz in dizamina ghandu johrog illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellanti ma hemm xejn illegali fl-istrip search li

saritilha. Mhux biss jidher illi kien hemm ordni valida sabiex din issehh, gjaldarba din qatt ma giet ikkontestata u jixhdu dwarha l-ufficjali kollha tal-Habs, izda jidher illi din l-ordni harrget wara li kien hemm suspett ragjonevoli li l-appellanti kienet ser iddahhal id-droga gewwa il-facilita', suspett li del resto kien wiehed ben fondat. Illi mhux biss, izda din it-tfittxija saret fil-privat minn zewg gwardjani tal-istess sess fejn l-oggett waqa' wahdu mal-art minghajr ma kien hemm xi ezami intern, u li minn dak il-mument l-appellanti giet moghtija d-drittijiet taghha skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien tant illi sahansitra ghazlet li tikkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u anke ibbenefikat mill-applikazjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi d-Direttur tal-Habs ghandu s-setgha skont il-ligi jitlob li jsiru dawk it-tfittxijiet li huma mehtiega sabiex tithares is-sigurta' gewwa il-Facilita'. Fuq kollox il-ligi taghti il jedd lil vizitatur li jirrifjuta kemm li jaghti l-identita' tieghu kif ukoll li joqghod ghat-tfittxija li tintalab li ssirlu minghajr ma l-ligi tinnecessita' illi dan ghandu jinghata twissija minnqabel li ghandu dritt li jirrifjuta jaghmel dan. Illi anke jekk gratia argomenti l-Qorti kellha taghti ragun lill-appellanti, il-fatt illi t-twissija ma tinghatax ma jirrendiex it-tfittxija li ssir sussegwentment bhala wahda illegali dment li jigu osservati d-drittijiet l-ohra tal-vizitatur kif hawn fuq elenkati.

Illi l-appellanti ma tistax tqabbel dan il-jedd ghat-twissija dwar ir-rifjut ma' dak li jinghata qabel ma jsir it-test tan-nifs fil-ligijiet dwar it-traffiku, kif qed tippretendi, ghaliex f'dik il-ligi ir-rifjut awtomatikament jissarraf f'reat, haga li ma jirrizultax f'dan il-kaz billi l-uniku konsegwenza li jimporta r-rifjut, kif inghad, huwa li l-vizitatur jigi imcahhad mill-vizta lil prigunier u xejn izjed. Dan

ifisser allura illi lanqas ma tinsorgi l-lezjoni tad-dritt kontra l-awto-inkriminazzjoni kif jikkontendi l-abbli difensur tal-appellanti.

Illi fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Saunders vs the United Kingdom jinghad hekk:

68. The Court recalls that, although not specifically mentioned in Article 6 of the Convention (art. 6), the right to silence and the right not to incriminate oneself are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6 (art. 6). Their rationale lies, inter alia, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of Article 6 (art. 6) (see the abovementioned John Murray judgment, p. 49, para. 45, and the above-mentioned Funke judgment, p. 22, para. 44). The right not to incriminate oneself, in particular, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in Article 6 para. 2 of the Convention (art. 6-2). 69. The right not to incriminate oneself is primarily concerned, however, with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect such as, inter alia, documents acquired pursuant to a

warrant, breath, blood and urine samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing ."

Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud b'dan ghalhekk illi it-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-appellanti kienet wahda li saret skont il-ligi.'.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi l-Qorti tirrileva li sakemm l-ilment tar-rikorrenti jikkoncerna l-applikazzjoni korretta o meno tal-artikoli tal-ligi li ssir referenza ghalihom fir-rikors promotur, huwa evidenti li dawn il-lanjanzi jikkonsistu biss f'appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li cahdet l-istess ilmenti. Din il-Qorti tqis li mhux kompitu taghha, fis-sede kostituzzjonali taghha, li tagixxi ta' appell tat-tielet grad fuq dak deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk dik il-parti tal-ilment li tallega li l-'istrip search' ma saritx fuq ordni tad-Direttur tal-Habs u ghalhekk mhux in konformita mar-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 (Regolamenti Dwar il-Habs) u wkoll li l-istess regolament huwa inkompatibbli u bi ksur tal-artikolu 355 AP tal-Kap. 9 (Kodici Kriminali) qed jigu michuda.

Jibqa' izda l-kwistjoni pendenti quddiem din il-Qorti dwar jekk ghandux jigi kkunsidrat leziv tad-dritt fundametali ghal smigh xieraq il-fatt mhux kontestat li r-rikorrenti, meta giet nfurmata li ser isirilha 'strip-search' ma gietx ukoll infurmata li kellha l-jedd li taghzel li din ma ssirx u konsegwenza ta' hekk ma tithalliex tidhol u titlaq minn fejn giet.

Illi jirrizulta nkontestat li effettivament meta r-rikorrenti marret biex izzur prigunier, l-awtoritajiet tal-Habs kienu gia nfurmati li possibilment hija setghet kienet ser tipprova ddahhal xi haga projbita maghha. Huwa wkoll inkontestat li meta hija waslet fil-habs giet infurmata li ser issirilha 'search' izda ma gietx infurmata li kellha l-jedd li tirrifjuta u terga' titlaq minn fejn giet anki ghaliex il-ligi kif redatta ma tirrikjedix li dan isir b'mod espress. Jirrizulta li fil-mument li saret is-'search' l-oggett deher minghajr il-bzonn li ssir tfittxija intima tant li malli giet mitluba tiftah saqajha dan waqa'.

Il-Qorti rat li f'kaz tista' tghid identiku (li saret referenza ghalih aktar il-fuq) kwotat mir-rikorrenti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera sabet li n-nuqqas ta' avviz kien leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-imputata in kwistjoni u skartat il-prova tant li giet liberata. Min-naha l-ohra fil-kaz odjern, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Edwina Grima ddecidiet li l-prova kienet valida u kellha tinzamm u dan wara li wkoll dahlet f'analizi estensiva tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt ghas-smigh xieraq u partikolarment dwar l-'istrip searches'.

Illi l-Qorti tqis li huwa car kristall li fil-kaz odjern, li kieku r-rikorrenti giet infurmata li kellha d-dritt li tirrifjuta li jsir is-'search' u ghazlet li tirrifjuta, dan kien ifisser li ma kienx ikun hemm il-prova ghall-imputazzjoni li taghha hija nstabet hatja tant li l-probabilta' hi li ma kienu jittiehdu ebda passi kriminali fil-konfront taghha. Fil-fatt ma kien isehh xejn ghajr li r-rikorrenti titlaq mill-habs u x'kien jigri wara minn dak li kienet qed igorr hija kwistjoni kompletament separata u estranea ghall-kaz odjern. Il-

Qorti tqis illi kieku allura r-rikorrenti giet infurmata li setghet tirrifjuta u titlaq u ghamlet hekk, l-ghan tal-Awtoritajiet tal-Habs li jharsu s-sigurta' gewwa il-facilita' inkluz li ma jidholx xi oggett illegali fil-habs, inkluz droga, kien xorta wahda jigi milqugh. Illi huwa minn dan l-aspett li din il-Qorti ma tikkonkordax mad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-konfront tar-rikorrenti ghal dak li huwa lezjoni tad-drittijiet fundamentali.

Illi kienet l-istess Onorabbli Qorti Kriminali fid-decizjoni taghha fil-konfront tar-rikorrenti li ghamlet referenza ghall-kaz fl-ismijiet Wainwright & Son vs The United Kingdom fejn iddeskrivietu bhal simili hafna ghal dak odjern. F'dan il-kaz saret 'strip search' fuq omm u binha li kienu dehlin gewwa il-habs jaghmlu vizta lil prigunier li kien l-iben u hu l-vizitaturi. F'dak il-kaz gie dikjarat kif isegwi:

"the Court considers that the searching of visitors may be considered as a legitimate preventive measure. It would emphasise nonetheless that the application of such a highly invasive and potentially debasing procedure to persons who are not convicted prisoners or under reasonable suspicion of having committed a criminal offence must be conducted with rigorous adherence to procedures and all due respect to their human dignity."

Huwa ghalhekk minnu li l-fatt li ssir 'search' fuq visitaturi li jaghzlu li jmorru jzuru lil xi hadd il-habs mhux kunsidrat bhala leziv per se. Pero' kif gie emfasizzat anki f'decizjoni ohra ikkwotata aktar il-fuq, dan is-'search' m'ghandux imur oltre dak li hu neccessarju u ghandu jipprovdi proporzjon bejn il-bzonn li wiehed ihares is-sigurta' gewwa l-facilita' nkluz x'oggetti

jiddahhlu fil-habs u l-jeddijiet fundamentali ta' dawk il-persuni li jzuru l-habs u li mhumiex ghalhekk prigunieri. Il-Qorti tqis li effettivament l-Onorabbli Qorti tal-Appell naqset milli taghmel din id-distinzjoni u cioe' li tiddistingwi bejn il-jeddijiet fundamentali ta' prigunier li diehel il-habs jew visitatur. Filwaqt li l-Qorti tifhem li prigunier la darba zgur ser jidhol fil-habs allura huwa ragjonevoli li jsirlu 'search', fil-kaz ta' visitatur dan ghandu biss jigi assoggettat ghas-'search' jekk jinsisti li jidhol ghal vista u jekk ma jinsistix allura ghandu jkun jaf bil-jedd tieghu li ma ssirx is-'search' u jitlaq. Il-Qorti temfasizza li l-kompitu tal-Awtoritajiet tal-Habs mhux li jinvestigaw huma xi ghemil illegali minn visitaturi izda l-kompitu taghhom huwa li jassiguraw li jigu osservati r-regoli fil-habs inkluz li ma jiddahhlux oggetti projbiti. Dan l-ghan jista' jintlahaq billi l-visitatur jigi nfurmat li jekk jinsisti li jidhol ser jigi assoggettat ghal 'search' u jekk le jitlaq, kwalunkwe ligi li tmur oltre minn hekk ghandha titqies li hija sproporzjonata meta komparata mal-ghan taghha u ghalhekk leziva.

Jirrizulta lil din il-Qorti li ghalkemm il-ligi nostrana ma tobbligax lil visitatur ghas-'search' huwa fil-fatt ma jigix infurmat bid-dritt li jirrifjuta li din issir. Kif ben sostniet l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni Pulizija vs. Claire Farrugia:

'il-fatt li hija ma gietx infurmata dwar id-dritt taghha li tirrifjuta li ssir l-istrip search li f'kaz li rrifjutat kienet tigi michuda d-dritt li taghmel il-vista ifisser li ma setghetx tuza dak id-dritt . . . il-fatt li persuna ma tigix infrumata dwar dan id-dritt huwa minnu nnifsu leziv.'

Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' informazzjoni dwar dan id-dritt fil-kaz odjern wassal li r-rikorrenti nkriminat ruhha ghax nstabet li qed igorr id-droga u giet kundannata ghal dan l-att. Bil-kontra, li kieku giet infurmata setghet ghazlet li titlaq u ma kinitx tkun imputata u kundannata. Daqshekk gravi huma l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' avviz da parti tal-Awtoritajiet tal-Habs u n-nuqqas li dan l-avviz jigi mpost li jinghata fir-regolament 58 tal-legisazzjoni sussidjarja 260.03 (Regolamenti dwar il-Habs). L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha kontra r-rikorrenti sostniet li r-rikorrenti ma setghetx tikkompara dan in-nuqqas ta' avviz mal-kawzjoni li trid tinghata qabel ma jsir il-'breathalyser' ghaliex skont dik il-Qorti dak huwa kaz aktar serju fejn il-persuna f'dak il-mument tkun taht investigazzjoni. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament ghaliex fil-kaz tar-rikorrenti jirrizulta car li hija gia kienet taht investigazzjoni minghajr ma giet infurmata ghar-raguni li l-awtoritajiet kienu avzati li seta' kien hemm possibilita' ta' abbuz u kienu ghalhekk 'on the alert' ghall-movimenti taghha. Nonostante dan, dak li sehh waqt l-'istrip search' li sar minghajr ebda kawzjoni jew id-debitu avviz li hija setghet taghzel li ma jsirx u titlaq hemm wassal sabiex ir-rikorrenti tinstab hatja ta' akkuzi kriminali. Mehud minn din l-ottika in-nuqqas fil-konfront tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti huwa zgur komparabbli jekk mhux akbar minn dak ta' sewwieq li ser isirlu test tal-'breathalyser'.

Illi fil-kaz Saunder vs. The UK kwotat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni kkwotata fil-konfront tar-rikorrenti inghad li:

'The right not to incriminate oneself is primarily concerned, however, with respecting the will of an accused person to remain silent.'

Evidentement fil-mument li r-rikorrenti giet infurmata li ser issirilha 'search' hija tpoggiet f'posizzjoni li setghet tinkrimina ruhha u ma giet infurmata bl-ebda alternattiva ohra u huwa ghalhekk li dan huwa lesiv ghad-dritt taghha li ma tinkriminax ruhha.

Illi l-Avukat tal-Istat intimat isostni korrettement li f'dak l-istadju u cioe' fil-mument tal-'istrip search' r-rikorrenti kienet ghadha mhijex fil-mori ta' proceduri quddiem Qorti jew Tribunal kif jirrikjedu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan huwa minnu, pero' jirrizulta li fil-mori tal-proceduri kontra r-rikorrenti, dak li sehh waqt is-'search' tressaq bhala l-prova principali kontra taghha u kien abbazi ta' din il-prova li hija nstabet hatja, apparti l-istqarrija li izda fl-istadju tal-appell giet sfilzata. Fl-istadju tal-proceduri fil-Qrati kontra r-rikorrenti qua imputat, stante li l-prova in kwistjoni giet ottenuta bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti li ma tinkriminax ruhha, dik il-prova (u cioe' dak kollu li nstab konsegwenza ta' tali 'strip search') kellu u ghandu jigi skartat kif appuntu sehh fil-kaz ikkwotat kontra Claire Farrugia. Kwalunkwe decizjoni mod iehor tkun palezament bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti odjerna ghal smiegh xieraq. Huwa ghalhekk l-uzu tal-prova fil-proceduri quddiem il-Qrati li kkawza u qed jikkawza l-lezjoni tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrenti b'dan li din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.

**<u>Rimedju:</u>**

Illi r-rikorrenti, permezz tat-tieni talba taghha, titlob li f'kaz li tirnexxi l-ewwel talba din il-Qorti takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.

**Illi kif gia kkwotat fil-ktieb "Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial" ta' Andrew Grotrian jinghad illi:-**

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect.".*

Illi jirrizulta mill-verbal tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, esebit a fol. 305 tal-process, li l-Appell Kriminali ghadu pendenti u gie sospiz pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali odjerna. Ghalkemm din il-Qorti taqbel mad-dikjarazzjoni suespost, stante l-valur probatorju qawwi li ghandhom ir-rizultanzi tal-'istrip search' in kwistjoni fil-kaz odjern, partikolarment wara li giet ordnata wkoll l-isfilz tal-istqarrija, l-Qorti tqis li ma hemmx ghalfejn li wiehed jistenna l-ezitu finali tal-proceduri kriminali sabiex iqis l-effett taghhom fuq id-decizjoni finali fil-konfront tar-rikorrenti, anki ghaliex l-impatt taghhom johrog ukoll evidenti mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti ghalhekk tqis li l-aktar rimedju li hu effettiv fic-cirkostanzi sabiex jissalvagwardja u jhares il-jedd fundamentali ghas-smiegh xieraq tar-rikorrenti huwa dak li tordna l-isfilz tal-provi kollha dwar l-'istrip search' li saret fuq ir-rikorrenti u dak kollu li nstab konsegwenza ta' l-istess fil-process kriminali daqs li kieku dawn il-provi qatt ma kienu fl-atti u dan qabel mal-appell

pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jghaddi ghad-decizjoni.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan l-ilment ta' indoli kostituzzjonali billi tichad ir-risposta tal-Avukat tal-Istat sakemm din hija nkompatibbli ma dak hawn deciz u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi gew lezi u qed jigu lezi d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba u takkorda rimedju ghal din il-lezjoni billi tordna l-isfilz tal-provi kollha dwar l-'istrip search' li saret fuq ir-rikorrenti fil-proceduri kriminali pendenti fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Norbert Ciappara) vs. Marouska Azzopardi' u dak kollu li nstab konsegwenza ta' l-istess mill-process kriminali daqs li kieku dawn il-provi qatt ma kienu fl-atti u dan qabel mal-appell pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jghaddi ghad-decizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-Avukat tal-Istat.

Stante li l-Qorti sabet il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kagun tar-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja

260.03 kif redatt, tordna li din id-decizjoni tigi notifikata lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament fil-mument li ssir *res judicata*.

Tordna wkoll komunika tad-decizjoni lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex kopja taghha tigi nserita fl-atti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' April, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April, 2022**